MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 910/2003

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Ltd**

**Vs**

**Sovereign Hotels Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Mejju, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf erba' mija u sittin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1460.23) rappresentanti prezz ta' merci minnhom ordnat ghal Windsor Hotel, Crown Hotel, O'Connors Restaurant u O'Connors Irish Pub u debitament ikkonsenjati izda mhux imhallas skond kif jidher mill-prospetti annessi ma'l-avviz u immarkati bhala Dokument A, B, C u D rispettivament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra legali tat-28 ta’ Marzu 2003 annessa ma’l-avviz u immarkata bhala Dokument E u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta.

Ra li s-socjeta konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Ra n-nota ipprezentata mis-socjeta attrici datata 6 ta’ Gunju 2003, li permezz taghha hija irriduciet it-talba attrici ghas-somma ta’ Lm1160.23, stante pagament ta’ Lm300 fil-mori tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta’l-avukat Dr. Katya Azzopardi, ghan-nom tas-socjeta attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont, kif ridott, ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba kif ridotta permezz tan-nota tas-6 ta’ Gunju 2003 u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf, mija u sittin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1160.23), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra legali tat-28 ta’ Marzu 2003 esebieta bhala Dokument E ma’l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------